A.L. 5 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Eżamijiet ta' Barra minn Malta u Lokali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Eżamijiet ta' Barra minn Malta u Lokali), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar id-Drittijiet (Eżamijiet ta' Barra minn Malta u Lokali), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu.

2. Il-kliem li jidhru fl-ewwel u fit-tieni kolonni hawn taħt għandhom jiżdiedu fl-ewwel u fit-tieni kolonni rispettivament fi tmiem it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali. Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
"Grupp VII	
Eżami għad-dħul fi Skola ta' Tagħlim għall-Infermieri	Lm0.50c0".